MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 807/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri )**

**vs**

**ANTHONY CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anthony Caruana, bin Nazzareno u Mary nee Zammit, imwieled Qormi nhar id-19 ta’ Ottubru 1956 u joqghod 51 B, ‘Orthensia’, Triq il-Manikata, Mellieha u detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 713256(M)

Gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta’ Marzu 2010 ghall-habta tas-sitta u ghoxrin ta’ fil-ghaxija gewwa l-pjazza ewlenija tal-Imgarr Malta huwa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car,

ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Christopher Micallef, jew li gablu diordni f'mohhu billi ghamillu offiza gravi fuq persuntu skond kif iccertifika Dr J.Scicluna MD u dan ai termin tal-artikolu 214 u 216(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok EC1 u nnutat li l-imputat Anthony Caruana m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija.

Rat l-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Anthony Caruana taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------